# Dun Guzepp Zammit LLD Brighella
## 1802 - 1890

***Kitba ta' Kav. Frank Borda Vassallo***

Gużeppi Żammit, bin Andrea u Roża, twieled il-Belt Valletta u ġie mgħammed fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fit-22 ta' Mejju 1802. Sa minn twelidu wera dehen kbir u ħajra qawwija għall-istudju. Minn żogħżitu beda jikteb il-poeżija li hekk ingħoġbot li bdew isejħulu l-Metastasia Malti. Huwa kien skular tal-ġiżwita Wigi Rigad. Latinista msemmi ħafna, meta spiċċa l-kors tal-filosofija daħal l-Universita u qabad il-kors tal-liġi u ħa l-lawrija ta' avukat. Iżda mal-ġenn li kellu għall-klassiċi latini u għall-kitba tal-poeżija ħass is-sejħa biex isir qassis. Għalhekk ħalla l-professjoni ta' avukat biex isir ministru t'Alla. Fl-1839 mar Ruma u daħal mal-ġiżwiti. Ma dik il-kumpanija magħrufa sab iktar mergħa għall-ġibda li kellu għall-istudju. L-iktar tal-poeżija u f'Ruma kien iktar jista' jiltaqa ma nies kbar li minnhom seta jżid il-għerf li kellu tal-letteratura. Iżda mħabba saħħtu kellu jħalli l-ilbies ta' patri u għall-ħabta ta' l-1841 reġa ġie Malta. Bniedem magħruf bħalma kien malajr tawh l-impjieg ta' professur tal-letteratura fis-seminarju. Meta telaq mit-tagħlim baqa' jgħix għalih waħdu mogħti għall-istudju li kien iħobb. Għandu ħafna xogħolijiet sbieħ tal-letteratura u kien xi ħaġa aqwa għal dik li hi Satira. F'Movembru 1838 ħareġ il-ġurnal "Brighella" li baqa' sejjer sena u Dun Ġużepp wiret ismu li baqa' miegħu bħala laqam. Fil-1839 dawwar fi lsien ieħor ix-xogħolijiet ta' Safla u żied magħhom poeżija tiegħu 'De Moret Saphus' u fl-istess sena ippubblika ġemgħa ta' epigrammi latini li kien kiteb. Seba snin wara ppubblika ċ-Ċenta Sovetti tiegħu miktubin b'sengħa ferrieħa u satirika. Żewġ ġemgħat ta' xogħolijiet miktubin minnu deheru taħt l-isem, Carmina et Inscriptiones, wieħed fl-1864 u l-ieħor tliet snin wara. Birkirkara għandha tifkira tal-versi ta' Brighella li fosthom insemmu l-iskrizzjonijiet li hemm fil-Knisja ta' San Pawl tal-Wied l-Innu li jitkanta fit-tridu ta' Sant'Elena, u l-erba skrizzjonijiet li hemm fil-pedistall ta' l-istatwa ta' Kostantinu l-kbir li tintrama fil-festa.



L-abbati Ġużeppi Żammit kien bil-jedd kollu miżmum bħala wieħed mill-għorrief ta' l-Ewropa imfaħħar miċ-Ċivilta Cattolica bħala wieħed mill-aqwa kittieba tal-latin ta' dak is-seklu. Tamasu Vallauri sejjaħlu ċ-Ċiċerun ta' dak iż-żmien u wieħed mill-aqwa mħallfin li llum igħixu fl-Ewropa. Diegu Vitmali għajjatlu Martialis Aemulus, jigifieri, li jħabbatha ma epigrammista kbir, ir-Ruman Marzjali. Il-qima tiegħu mill-għorrief ta' l-Ewropa tixhidilna l-korrispondenza li kellu ma l-aqwa rjus ta'd ak iż-żmien.F'wirja kolonjali li kien hemm fl-Londra għall-festa tal-ġublew tar-Reġina Vittorja, Zammit ġie dekorat b'midalja tad-deheb u l-Papa Ljun XIII, latinista ieħor mill-aqwa żejjen lil Dun Ġużepp b'midalja oħra tad-deheb. Dun Ġużepp ma għex biex isir għani u ġarali fi xjuhitu ħass il-'bżonn jagħfa'. iżda l-Gvern li għaraf il-merti kbar ta' dan il-bneidem ħaseb fih u ħariġlu pensjoni ta' £100 lira fis-sena bħalma kien għamel qabel lill-magħruf Gorġ Grangnet, li l-iktar li nsibuh fostna huwa bħala l-arkitett tar-rotunda tal-Mosta. Il-flixken tax-xorb irqiq li niżżel meta kien irid iħossu tajjeb biex jikteb ma telfuħx it-tempra għaliex baqa' jikteb sa ma xjieħ sewwa minn ġod-dar fejn dam joqogħod għall-ħafna snin, Birkirkara. Imma fl-aħħar wasal fl-aħħar u wara 88 sena iż-żejt tal-ħajja beda jonqos sewwa u d-dell tal-mewt joqrob. Darbtejn sarlu l-ujatku u fl-aħħar imqawwi lill-griżma tal-morda rodd ruħu lill-Alla fl-14 ta' Frar 1890. L-għada ġismu mejjet ġie meħud fil-Knisja kolleġġjata ta' Birkirkara u barra miż-żewġ konfraternitajiet ġie akkompanjat mill-prepostu, Il-kaptilu u l-kleru kollu. Bħala sinjal ta' qima sarlu l-uffizzju u quddiesa bil-mużika u wara ġie midfun fl-oqbra tal-qassisin li hemm fil-kor. L-inżul ta' din il-kewkba mis-sema tal-letteratura klassika ġie mfakkar minn ħafna kittieba ta' dak iż-żmien. Bniedem bħal dan b'mument li jibqa' jfakkru lil dawk li jiġu wara sab biss is-sura ta' ritratt tiegħu taż-żejt li għall-gratitudni ta' qablu lejn il-Kanonċi kleru u n-nies ta' Birkirkara huwa ħalliehom illum b'kitba xierqa taħtu jinsab imdendel fis-sagristija tal-kolleġġjata u isem ta' Triq strada Brighella. F'Birkirkara.